MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2003

Numru.

Il-Pulizija
(Spettur Stephen J Gatt)
vs
Driss Ben Ahmed Bejaoui

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat fuq imsemmi Driss Ben Ahmed Bejaoui, iben Ahmed u Fatima, imwieled fit-12 ta’ April, 1955 u detentur tal-karta tal-idenita 7326(A), li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli fil-5 ta’ Frar, 2000 u xhur qabel, f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u jkunu gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda :

(a) Hedded lil Mohammed Naceur Bin Salah Dhouib ta’ nazzjonalita Tunezina bil-hsieb li jestorci flus jew xi haga ohra jew li jaghmel xi qligh, jew bil-hsieb li jgieghel lil din l-

persuna tesegwixxi, tiddistruggi, tqalleb, jew tbiddel testment, jew obbligazzjoni bil-miktub, titolu jew garanzija, hedded li jaghmel denunzja jew kwerela kontra din il-persuna jew li jaghtiha malafama bhala htija ta' reat jew fatt li jtelliflu il-gieh u dan bi ksur tal-artiklu 250 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(b) Talli fl-istess lok, jum u cirkostanzi hedded lil Mohammed Naceur Bin Salah Dhouib b'xi delitt, liema theddid kien bil-fomm li kien hemm ordni jew kondizzjoni u dan bi ksur tal-Artiklu 249 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(c) Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkosotanzi ghamel lil Mohammed Naceur Bin Salah Dhouib ingurji jew theddid u dan bi ksur tal-Artiklu 339(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb illi ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet lix-xhieda kollha illi gew prodotti;

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi fil-5 ta' Frar tas-sena 2000 ghall-habta tad-9.00p.m. Anthony Coreschi li joqghod il-Helena Hotel, Marina Street, Pieta irraporta lill-pulizija tal-Imsida li certu Mohammed Dhouib li kien qieghed fil-lukanda dak il-hin kien ghadu kif infurmah illi l-imputat fuq imsemmi riedu mejjet. Il-pulizija marret il-Helena Hotel fejn barra Dhouib kien hemm ukoll Coreschi, kien hemm Winston Magro, Samwel Bella u Rawda Burgiva. Coreschi informa lill-pulizija illi xi zmien qabel dakinhar kien qieghed jircevi diversi telefonati anonimi, pero' l-persuna li kienet qeghda icempillu kellha accent Gharbi u Coreschi kien qallu biex jiltaqa mieghu, pero' dan ma

sehhx peress illi Coreschi irrifjuta illi jiltaqa ma din il-persuna.

Illi fil-5 ta’ Frar tas-sena 2000 Dhouib li kien qieghed joqghod is-Savoy Hotel, Sliema mar il-lukanda wahdu u informa lil Anthony Coreschi illi xi gimghat qabel huwa kien silef elfejn dollaru amerikan lill-imputat fuq imsemmi u meta dan kien talbu l-flus lura l-imputat kien qallu illi huwa kien dispost jaghtih il-flus lura jekk kemm il-darba Dhouib jew joqtol lil Coreschi jew inkella jodorbu serjament. Minn stharrig illi ghamlet il-pulizija irrizultalha li kien hemm diversi kawzi kriminali pendenti bejn Coreschi u l-imputat. Coreschi kien qal lill-pulizija illi fl-ebda hin Dhouib ma kien heddu jew inkella kien perikoluz fil-konfront tieghu u fl-ebda hin ma sawtu, jew kien ta’ xi theddida ghall-hajtu. Lill-pulizija kien irrizultalha illi t-tifla ta’ Coreschi tghix mal-imputat u ghandhom ukoll tarbija. Il-Pulizija kienet kellmet li Dhouib illi kien infurmahom illi kien wasal Malta fit-28 ta’ Novembru 1999 u xi erba’ tijiem wara li wasal Malta kien iltaqa ma l-imputat li kien sablu post iehor fejn joqghod b’rata inqas u precizament is-Savoy Hotel Tas-Sliema. Xi erba gimghat qabel il-5 ta’ Frar, 2000 l-imputat kien talab lil Dhouib biex isellfu elfejn dollari amerikan. Dhouib kien selfu dawn il-flus, pero’ ma kien hemm l-ebda skrittura f’dan is-sens u lanqas kien hemm xi xhieda. Xi gimghatejn wara Dhouib kien talab lill-imputat biex jaghtih il-flus lura, pero’ l-imputat kien qallu illi huwa kien lest jaghtih il-flus lura bil-kundizzjoni illi Dhouib imur il-Helena Hotel u jodrob jew joqtol lil certu Toni li hu l-Manager tal-Hotel. Dhouib qallu li huwa ma kienx jaf lil Toni. Di fatti Dhouib kien cempel il-Helena Hotel u kien staqsa ghal Toni, pero’ kienet inqatghet il-linja u ghalhekk Dhouib kien mar il-Helena Hotel biex jinforma lil Toni, jigifieri lil Coreschi bl-intenzjoni illi kellu l-imputat u meta fil-fatt iltaqa ma Coreschi fil-lukanda hu qallu b’kollox. Il-pulizija kienu marru wkoll is-Savoy Hotel fejn gew infurmati illi Dhouib kien ilu nieqes minn hemm hekk xi xahrejn. Il-pulizija marru St Joseph Home, High Street, Sliema biex ifittxu lil Marija Coreschi, pero’ din ukoll kienet telqet minn hemm hekk xi xhur qabel. L-Ispettur Stephen Gatt kien sab lill-imputat jixrob f’xi bar fejn City Gate u kien arrestah mal-ewwel. L-imputat kien irrisponda d-domandi kollha illi

ghamlitlu l-pulizija pero’ innega illi b’xi mod jew iehor kien qal lil Dhouib sabiex imur joqtol, jew jodrob lil Coreschi u qal illi din kienet invenzjoni minn naha tas-Sur Coreschi. Giet esebita l-istqarrija tal-imputat u f’din l-istqarrija l-imputat cahad kategorikament illi qatt kien qabbad lil xi hadd sabiex ikellem lil Anthony Coreschi, pero’ ammetta li kellu inkwiet ma Coreschi u kien hemm ukoll proceduri pendenti quddiem il-Qrati tal-Magistrati. L-imputat cahad ukoll illi kien issellef xi elfejn dollaru amerikan minghand xi hadd. L-imputat stqarr illi huwa kien jaf lil Dhouib, kien hadu is-Savoy Hotel u kien jarah kwazi kulljum il-Belt, pero’ jumejn qabel ma ittiehditlu din l-istqarrija l-imputat qal illi ma rax aktar lil Dhouib. Huwa qal illi seta kien il-kaz illi Dhouib sema illi huwa kellu l-inkwiet ma Coreschi minghand xi nies. Huwa qal ukoll illi din kienet kollha invenzjoni ta’ Coreschi illi dejjem jivvinta kontrih u irid jitfghu il-habs bil-fors.

Illi l-imsemmi Mohammed Nasser xehed f’dawn il-proceduri u qal illi huwa kien gie Malta u kien iltaqa mal-imputat fuq imsemmi illi kien ghinu biex imur joqghod f’lukanda bl-irhis. Skond hu ohtu kienet tibghatlu l-flus sabiex ikun jista jghix f’Malta u darba minnhom fuq talba tal-imputat huwa silef lill-imputat elfejn dollaru amerikan. Wara xi ftit gimghat hu kien talab lill-imputat biex jaghtih il-flus lura, pero’ l-imputat ma tahomlux. Qallu illi jekk ried illi jaghtih flusu lura kellu jmur joqtol lil certu Toni illi kellu isibu fil-Helena Hotel. Illi Nasser kompla jixhed illi l-imputat kien qallu sabiex jaghti xeba u joqtol lil Anthony Coreschi, umbaghad imur ghandu u jaghtih il-flus tieghu lura. Pero’ ma tah l-ebda armi sabiex jodorbu u joqtlu. Skond ix-xhud l-imputat kien qallu li kellu l-inkwiet ma Anthony Coreschi, pero’ ma kienx spjegalu x’kien dan l-inkwiet. Ix-xhud kellu jistaqsi fejn kienet il-lukanda u meta mar il-lukanda staqsa lin-nies ta’ hemm hekk ghal Toni, b’referenza ghal Toni Coreschi u meta sar jaf min kien huwa ma ghamillu xejn. Qallu biss bid-diskors illi kien sar mal-imputat. Umbaghad gew ghall-pulizija illi ghamlu tfittxija fuq ix-xhud u ma sabu xejn. Mistoqsi jekk kienx tkellem barra l-awla tal-Qorti lil Anthony Coreschi x-xhud qal illi huwa ma kellmux ghaliex il-pulizija li kienu skorta mieghu ma hallewx lil Coreschi ikellmu. Illi f’dan l-istadju

x-xhud qal illi meta dahal Malta huwa kellu l-flus fuqu u bejn wiehed u iehor kellu elf u hames mitt dollaru amerikan. Ix-xhud Nasser kompla jghid illi huwa ibaghti bid-depression u ha l-kura f'Malta ghand psikjatri u anke dahal l-isptar Monte Carmel Driss xehed ukoll illi anke inghata f'Malta kura b'xejn ghad-depression. Driss xehed illi huwa mar il-lukanda mhux biex joqtol lil Coreschi, imma biex jiftahlu ghajnejh, biex javzah illi l-imputat kien qabdu sabiex joqtlu jew jodorbu. Ix-xhud ikkonferma illi l-imputat qatt ma heddu jew insulentah u lanqas hu ma kien hedded jew insulenta lill-imputat. Huwa xehed illi flus fuqu dakinhar ma kellux u kien qieghed jistenna illi tibghatlu l-flus ohtu u kellhom jaslu dakinhar stess illi xehed filghaxija. Pero' huwa kien refa' ammonti zghar sabiex jixtri l-ikel u s-sigaretti u jhallas tal-linja. Ix-xhud qal ukoll illi l-ghada filghodu kellu appuntament mal-Professur l-isptar, dejjem sabiex jikkurah mid-depression.

Illi xehed Anthony Coreschi illi qal illi huwa kellu l-inkwiet mal-imputat. Bintu Marija kienet titaqa mal-imputat kull filghaxija u sussegwentement huwa kien kecca lill-imputat li mar joqghod is-Savoy Hotel u skond Coreschi l-imputat gieghel lil uliedu Marija, Georgette u Amanda biex imorru d-depot u jigbdu fuqu mal-Ispettur Sharon Tanti fis-sens illi huwa kien immolestahom sesswalment u fil-fatt kienu ittiehdu proceduri kontra Coreschi u l-imputat meta huwa gie arrestat rega dahallu fil-lukanda. Sussegwentement Coreschi kien gie liberat u rega dahal fil-lukanda u skond Coreschi l-imputat beda icempillu u jghidlu li kien imqabbad mieghu u li kien ser jibqa sa kemm jehles minnu. Skond Coreschi wkoll meta l-imputat kien jarah barra kien jaqbad isawwtu u huwa kien dejjem imur jaghmel rapport lill-pulizija. Bintu Marija tghix mieghu u ghandha tarbija minghandu u Georgette tghix mieghu wkoll, mentri t-tifla tieghu z-zghira qeghda l-istitut. Coreschi kompla jixhed illi darba minnhom kien gie Tunezin ifittxu fil-lukanda u beda jghid, “Min hu Toni?” Coreschi sema lil dan il-bniedem jghid illi huwa kien joqghod is-Savoy Hotel u li kien ta elf dollaru lill-imputat sabiex dan jiehdu l-Italja u l-imputat kien qallu biex naghtik l-elf dollaru lura trid tmur toqtol lil Toni l-Manager tal-Helena Hotel. Coreschi kompla jixhed illi dan it-Tunezin

beda jghid, “Jiena naf li gejt hawn hekk u issa ser nigi arrestat, imma jiena gejt nikxfu talli ma taniex l-elf dollar lura”. Coreschi cempel lill-pulizija u skond Coreschi it-Tunezin ammetta maghhom u gie arrestat. Coreschi kompla jixhed illi huwa lil dan il-bniedem li jismu Dhouib ma kienx jafu qabel. Huwa ftakar li kienu resqu lill-imputat quddiem il-Magistrat Dr Joseph Cassar u dakinhar huwa kien prezenti l-Qorti avolja hadd ma kien harku sabiex jitla l-Qorti dakinhar. Kien tela l-Qorti skond hu fis-sitta ta’ filghaxija kumbinazzjoni u mhux ghaliex kien jaf li kienu ser iressqu lill-imputat l-Qorti. Coreschi cahad illi kien gie il-Qorti fil-kumpannija ta’ Dhouib, anzi qal illi dakinhar lil Dhouib ma kienx kellmu. Huwa xehed illi l-Magistrat Cassar kien sejjahlu biex jidhol fl-awla. Coreschi cahad illi kien qal lit-Tunezin li Dhouib kellu jixhed fil-Qorti u qal li dan it-Tunezin ma kienx qallu li kien fi sptar mentali.

Illi xehedu impjegati ta’ Anthony Coreschi fis-sens li kien gie l-lukanda Dhouib u kien infurmahom illi kien qabdu l-imputat sabiex jodrob lil Anthony Coreschi u dana sabiex jaghtih lura l-elfejn dollar li hu kien tah sabiex jirrangalu sabiex imur lejn l-Italja. L-impjegati ta’ Coreschi xehdu wkoll illi huma cemplu lill-pulizija illi gew fuq il-post u arrestaw lil dan Dhouib. Dawn l-impjegati ikkonfermaw illi Dhouib ma kellu l-ebda arma f’idejh jew inkella fuq il-persuna tieghu.

Illi l-pulizija ghamlu tfittxija fid-dar tal-imputat pero’ ma sabulu l-ebda armi.

Illi x-xhieda kollha impjegati ta’ Coreschi illi xehdu u qalu illi kien gie fil-lukanda Dhouib u kien qal illi kien bghatu l-imputat sabiex joqtol lil Coreschi kollha kemm huma hlief ghal wahda certa Rawda Bushiba ma jifhmux bl-Gharbi u xehdu dak illi xehdu peress illi hekk kienet qaltilhom Rawda, jigifieri huma kollha qaghdu fuq it-tradizzjoni illi kienet ghamlet din Rawda u dana peress illi Dhouib tkellem bl-Gharbi u huma ma jifhmux bl-Gharbi.

Illi xehed l-imputat minn jeddu u bil-gurament u qal illi sar jaf li Dhouib gimghtejn wara li kien gie Malta, kien gie il-Belt u kien staqsa ghal certu Driss. Anzi ma kienx qed

ifittex lil Driss imma kien qieghed ifittex lilu, jigifieri lill-imputat. L-imputat xehed illi Dhouib kien talbu ghoxrin lira (LM20) sabiex isib post fejn joqghod u huwa hadu is-Savoy Hotel u tah ghoxrin lira (LM20). B'kollox iltaqa mieghu xi hames darbiet. Darba minnhom kien iltaqa mieghu l-isptar u Dhouib kien qallu li kien qieghed hemm hekk ghall-kura u semmhielu lil Professur Scicluna, lil Professur Mifsud u lil Professur Cassar. Huwa urih ukoll xi karti fis-sens illi kien qieghed taht kura mentali f'Tunes, kif ukoll fl-Italja. L-imputat cahad illi Dhouib kien selfu elfejn dollaru amerikan. Cahad ukoll illi bhala kondizzjoni illi jaghtih il-flus lura huwa kien qal lil Dhouib biex joqtol lil Coreschi.

Illi xehed Aaron Haroun u qal illi f'Jannar tas-sena 2000 kien fil-kuritur tal-Qorti mal-imputat. Dakinhar il-proceduri kienu kontra l-imputat u kien hemm ukoll persuna ohra Gharbija, certu Mohammed Dhouib. Inzertaw kienu fl-istess awla fejn kien qieghed jahdem il-Magistrat Cassar. Fil-kuritur tal-Qorti kien ra lil Dhouib miexi fid-direzzjoni tal-imputat u talbu sabiex jahfirlu. Qallu, "Ahfirli u tista tghid b'dan lil Avukat tieghek". Mentri l-imputat wiegbu bl-Gharbi wkoll u qallu, "Mhux lili itlob mahfra, issa ghamilt dak li ghamilt, ghid lil Magistrat jew lill-President tal-Qorti biex jahfirlek." Haroun ikkonferma pero' li minkejja li qal dan kollu Dhouib sussegwentement dahal fl-awla u kompla jixhed kontra l-imputat.

Illi xehdet Maria Coreschi, mart Anthony Coreschi, mizzewga lill-imputat bir-rit Musulman u qalet illi missierha ma kienx jibza mit-Tunezini ghaliex hu kien isiefer it-Tunizia biex igib in-nisa sabiex ihaddimhom ma l-irgiel fil-lukanda tieghu. Hija xehdet ukoll illi telqet flimkien ma hutha mil-lukanda peress illi hi u hutha kienu imsawwtin u immolestati sesswalment minn missierhom Anthony Coreschi.

Illi xehed Clifford Cauchi, Inspector Drug Control Unit u qal illi minn ricerka li kien ghamel irrizultalu li certu Mohammed Naser Dhouib kellu karta, u cioe' il-card sabiex ikun jista jigi suplit f'Malta minn pilloli illi ghandhom uzu kontrollat. Pero' peress illi d-dipartiment ma jkollux il-

card huwa ma setghax jghid ezattament x'kienu l-pilloli illi kien qieghed jiehu Mohammed Nasser Dhouib. Giet esebita minn dan ix-xhud fotokopja ta' applikazzjoni illi kien ghamel Dr Anthony Dimech sabiex Mohammed Nasser Dhouib li kien jirrisjedi Savoy Guest House tas-Sliema ikollu Controll Card for Narcotic, psychotropic drugs u din l-applikazzjoni kienet saret fl-1 ta' Frar, 2002. Irrizulta wkoll illi fl-1 ta' Frar, 2002 il-card kienet inhargitlu ghal tlett xhur.

Ikkunsidrat :

Illi l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija dik illi huwa hedded lil Mohammed Nasser Dhouib bil-hsieb illi jestorci flus jew xi haga ohra, jew li jaghmel xi qligh, jew bil-hsieb li igieghel lil din il-persuna tesegwixxi, tiddistruggi, tqalleb jew tbiddel testment jew obbligazzjoni bil-miktub b'titolu jew garanzija, hedded li jaghmel denunzja jew kwerela kontra din il-persuna, jew li jaghtiha malafama bhala htija ta' reat jew fatt li jtelliflu l-gieh u dan bi ksur tal-Artikolu 250 tal-Kap. 9.

Illi l-Qorti tara illi l-istess Nasser Dhouib xehed f'dawn il-proceduri illi l-imputat fl-ebda hin ma heddu bil-hsieb illi jaghmel xi qligh minn fuq dahru. Dana xehdu l-istess Nasser a fol. 24 tal-process. Meta gie mistoqsi jekk l-imputat heddux sabiex jehodlu xi flus jew xi haga huwa wiegeb, "Qatt ma kien hemm theddid, talabni biex nisilfu" u dana b'referenza ghal erbghin dollaru illi skond Nasser l-imputat kien talbu sabiex jisilfu.

Illi dwar it-tieni imputazzjoni u cioe' dik illi l-imputat hedded lil Mohammed Nasser Bin Salah Dhouib b'xi delitt, liema theddid kien bil-fomm, li kien hemm ordni jew kundizzjoni u dana bi ksur tal-Artikolu 249 tal-Kap. 9, irrizulta car mill-istess xhieda ta' Nasser Dhouib illi l-imputat lilu qatt ma heddu, ahseb u ara heddu b'xi delitt. Illi skond Nasser Dhouib l-imputat qallu illi jekk ried flusu lura, dawk l-elfejn dollaru, illi skond Dhouib kien silef lill-imputat huwa kellu joqtol jew jodrob lil Anthony Coreschi.

Illi r-reati kontemplati taht l-Artikolu 249 u 250 tal-Kap. 9 ma ghandhom x'jaqsmu xejn ma dan, imma se mai allura l-Prosekuzzjoni kellha ticcita l-Artikolu 251 u mhux it-249 u t-250 tal-Kap. 9.

Illi lanqas ma tirrizulta it-tielet imputazzjoni u cioe' illi l-imputat ingurja jew hedded lil Mohammed Nasser Dhouib bi ksur tal-Artikolu 339 (1) (a) tal-Kap. 9 u dana ukoll peress illi kif diga intqal l-istess Dhouib xehed b'mod car illi l-imputat lilu qatt ma ingurjah u qatt ma heddu bl-ebda mod.

Illi ghalhekk u ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qeghda tillibera lill-imputat fuq imsemmi minn l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu.

Illi li kieku ghal grazzja tal-argument il-Prosekuzzjoni ressqet imputazzjoni idoneja kontra l-imputat il-Qorti tiddikjara bla tlaqliq illi ma temminx ix-xhieda illi ta fil-Qorti bil-gurament Mohammed Nasser Dhouib u dan ghal diversi ragunijiet :-

Illi Dhouib xehed illi huwa kien silef l-elfejn dollaru amerikan lill-imputat peress illi l-imputat kien talabhomlu minghajr ma tah l-ebda raguni ghalfejn kellu bzonnhom, mentri x-xhieda kollha illi gew prodotti mill-Prosekuzzjoni u senjatament l-impjegati tas-Sur Anthony Coreschi xehdu illi Dhouib kien qalilhom illi huwa kien ta dawn l-elfejn dollaru amerikan lill-imputat sabiex l-imputat jirrangalu biex jidhol l-Italja.

Illi hawn hekk allura jirrizulta b'mod car illi Dhouib qieghed jigdeb, qieghed jaghti verzjonijiet konfliggenti u inkonsistenti.

Illi l-istess Dhouib xehed illi meta gie Malta l-imputat kien silfu xi flus u kien hadu s-Savoy Hotel sabiex ikollu residenza f'Malta bl-irhis. Illi dan kollu ma hu kompatibbli xejn mal-fatt illi umbaghad Dhouib jaqbad elfejn dollaru amerikan u jaghtihom lill-imputat, jislifhomlu minghajr mal-imputat ma jaghtih l-ebda raguni ghalfejn huwa kellu bzonn dawn il-flus.

Illi lanqas ma huwa verosimili illi Dhouib imur il-Helena Hotel illi lanqas biss kien jaf fejn hi u kellu jistaqsi sabiex ikun jaf fejn hi sabiex ikellem lil Anthony Coreschi, suppost ghandu jodorbu u minflok jodorbu huwa joqghod ikellmu u joqghod iwissih illi l-imputat ghandu ghalih.

Illi li kieku l-imputat verament ried illi Dhouib jodrob lil Coreschi mhux talli kien jghidlu ezatt fejn hi l-lukanda Helena Hotel u kien jaghtih deskrizzjoni sew ta' Anthony Coreschi talli kien ukoll jaghtih xi arma jew almenu jghidlu x'ghandu jiehu mieghu sabiex jodrob lil Coreschi.

Illi huwa wkoll fatt stramb illi meta gie mistoqsi jekk kienx jaf lil Coreschi u jekk kellmux fil-kurituri tal-Qorti Dhouib qal illi l-pulizija li kienu skorta mieghu ma hallewhx ikellem lil Coreschi.

Illi huwa fatt stramb ukoll illi meta l-imputat tressaq il-Qorti taht arrest Anthony Coreschi kien prezenti fil-Qorti u dana meta skond hu huwa kien hemm hekk kumbinazzjoni. Illi ma tantx hija kumbinazzjoni illi xi hadd ikun il-Qorti ghall-habta tal-hamsa, is-sitta ta' filghaxija. Illi huwa ferm aktar probabbli illi Coreschi kien jaf ezattament illi kellu jigi imressaq il-Qorti taht arrest l-imputat u illi kellu jitla wkoll jixhed Dhouib f'dawk il-procedimenti.

Illi dan kollu jimplika illi seta kien hemm xi kuntatt bejn Dhouib u Coreschi.

Illi dan il-fatt gie ukoll imsahhah mix-xhieda ta' Haroun, l-interpretu, illi qal illi waqt il-prezentata tal-imputat il-Qorti f'xi hin huwa kien fil-kuritur tal-Qorti u ra lil Dhouib jersaq lejn l-imputat, ikellmu u jitolbu mahfra.

Illi fatt iehor illi igieghel lil Qorti ma taghtix hafna kredibbilita lix-xhieda ta' Dhouib huwa il-fatt illi irrizulta mill-provi illi Dhouib proprju fiz-zmien meta allegatament l-imputat ikkommetta r-reati in kwistjoni kien mar ghand tabib, certu Dr Anthony Dimech illi kien ghamillu applikazzjoni sabiex tinhariglu controll card ghal Narcotic and Psychotropic drugs u fuq ammissjoni ta' dan l-istess

Dhouib huwa ibaghti minn problemi ta’ natura mentali u qieghed taht il-kura ghal “depression”.

Illi dan kollu qieghed jinghad sabiex il-Qorti taghmilla cara illi anke li kieku l-Prosekuzzjoni imxiet skond l-Artikolu 251 tal-Kap. 9, jew taht xi Artikolu iehor fis-sens illi xliet lill-imputat illi huwa ikkonfoffa ma xi hadd biex joqtol lil Anthony Coreschi dan ir-reat qatt ma seta jkun ippruvat fuq il-provi illi tressqu.

In riassunt il-Qorti qeghda tillibera lill-imputat mill-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u qeghda tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena.

--------------------------------TMIEM--------------------------------